V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9471 — Clearlake/TA/DigiCert)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 287/05)

1. Fit-12 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Clearlake Capital Group, L.P. ("Clearlake", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— TA Associates Management, L.P. ("TA", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— DigiCert Parent Inc ("DigiCert", l-Istati Uniti tal-Amerika).

Clearlake u TA jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' DigiCert kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Clearlake: investiment fl-ekwità privata, b'kumpaniji tal-portafoll attivi fis-software u fis-servizzi mħaddma bit-teknoloġija, fl-enerġija u fl-industrijali, u fil-prodotti / fis-servizzi tal-konsumatur,

— TA: investiment fl-ekwità privata, b'kumpaniji tal-portafoll attivi f'industriji selettivi, inklużi servizzi kummerċjali, il-konsumatur, servizzi finanzjarji, kura tas-saħħa u teknoloġiji,

— DigiCert: teknoloġija tas-sigurtà tal-intrapriżi u / jew soluzzjonijiet tas-software b'enfasi fuq ċertifikati diġitali ta' assikurazzjoni għolja skalabbli (inklużi, b'mod partikulari, ċertifikati TLS / SSL) u soluzzjonijiet tal-Public Key Infrastructure għall-identità u l-kriptaġġ.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9471 — Clearlake/TA/DigiCert

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË